Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,415, 2 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 223 tal-2020

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Sitt Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "is-Sitt Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew id-dati li l-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, jista' b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Ħassar it-Taqsima Tlieta tas-Sitt Skeda.

2. It-Taqsima Tlieta tas-Sitt Skeda, għandha tiġi mħassra.